MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 164/1995/1

Francesca Rapa u l-avukat Dottor Alfred Grech ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Aronne Camilleri

Vs

Mary Bajada u b'nota prezentata fid-19 ta' Gunju 2008 Rita Portelli assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenuta.

Il-Qorti,

**Accettazzjoni ta' eredita' minghajr beneficcju ta' inventarju u estinzjoni ta' obbligazzjoni minhabba konfuzjoni (Artikolu 1205 tal-Kodici Civili) meta l-kreditur hu l-werriet tad-debitur u jaccetta l-wirt.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-22 ta' Settembru 1995 li permezz taghha l-atturi ppremettew li fl-4 ta' Mejju 1969, mietet fin-Nadur Ghawdex Giovanna Camilleri omm il-

kontendenti, b'testment *"unica carta"* fl-atti tan-nutar Dottor Giuseppe Cauchi tat-3 ta' Mejju 1969 b'liema testment innominat bhala eredi universali tal-beni taghha kollha prezenti u futuri lit-tlett ulieda, il-kontendenti.

Fl-20 ta' Marzu 1992, miet fin-Nadur Ghawdex Mose' Camilleri missier il-kontendenti, u b'testment iehor maghmul fil-Queens, New York, Amerika, innomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuta Mary Bajada, gia Camilleri.

Fi kwalunkwe kaz, u minkejja dak li hemm dispost fl-imsemmi testment tal-imsemmi Mose' Camilleri, hija dejjem dovuta, skond il-ligijiet ta' Malta l-legittima porzjoni, mill-assi ereditarji tieghu.

L-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuta u m'hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar l-uzu u t-tgawdija tal-beni in komun, u ghalhekk jehtieg li jigi nominat amministratur sabiex l-assi ereditarji jkunu jistghu jitgawdew ahjar, b'mod aktar ekwu u gust;

Talbu ghalhekk lil din il-Qorti:

1. Tinnomina u tahtar amministratur fit-termini tal-Artikolu erbgha mija u erbgha u disghin (494) tal-Kodici Civili sabiex jamministra l-beni in divizjoni.

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Mose' u Giovanni konjugi Camilleri, billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazjoni ta' dina l-kawza.

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati, wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Camilleri fuq imsemmija.

4. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Giovanna Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u l-beni l-ohrajn kollha li jirrizultaw waqt it-trattazjoni ta' dina l-kawza.

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari tal-imsemmija Giovanna Camilleri fi tliet porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

6. Tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmi Mose Camilleri billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti u f'dawk il-beni l-ohrajn kollha, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazjoni ta' dina l-kawza.

7. Tillikwida l-legittima porzjoni li hija dovuta lill-atturi milli assi ereditarju tal-imsemmi Mose' Camilleri liema porzjoni legittima ghandha tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali u assejnjata lill kull wiehed mill-atturi.

8. Tinnomina Nutar Publiku Malti sabiex jircievi l-att ta' divizjoni f'dik id-data, hin u lok, li jigu iffissati, bin-nomina wkoll tal-kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontuamci.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta prezentata fl-1 ta' Novembru 1995 fejn iddikjarat (fol. 20):

1. Illi l-konvenuta ma topponix ghall-qasma mitluba diment li jsiru l-verifiki tal-kwoti tal-konsistenzi tal-wirtijiet imsemmija.

2. Irid jigi determinat b'liema Ligi jew Ligijiet hija regolata d-divizjoni tal-ereditajiet in divizjoni.

3. Illi sabiex tigi kkomputata il-legittima li qed tigi mitluba mill-atturi ghandhom jittiehdu in konsiderazjoni ukoll il-kumpens dovut lill-konveuta ghal bosta servizzi, kuri u asistenzi rezi minnha lil missierha.

Rat l-atti kollha nkluz ir-rapporti tal-perit Godwin Vella u l-avukat Dr Carmelo Galea (fol. 102-157) u noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kontendenti huma tlett ahwa. F'din il-kawza qieghed jintalab:-

(a) Il-qasma tal-wirt ta' Giovanna Camilleri (omm il-kontendenti) li mietet fl-4 ta' Mejju 1969. Il-wirt taghha hu regolat minn testment *unica charta* li sar fit-3 ta' Mejju 1969 fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi. Skond it-testment, il-werrieta ta' Giovanna Camilleri huma l-kontendenti, f'sehem ugwali.

(b) Legittima mill wirt ta' Mose Camilleri (missier il-kontendenti) li miet fl-20 ta' Marzu 1992. Jidher li dan il-wirt hu regolat minn testment li ghamel fi New York, l-Amerika fis-26 ta' Frar 1980, li fih it-testatur innomina lill-konvenuta bhala werrieta universali tieghu. Minn qari tan-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta (fol. 20) ma jirrizultax li qeghda tikkontesta d-dritt ta' l-atturi biex jinghataw il-legittima (illum maghrufa bhala porzjon rizervata), u jirrizulta wkoll li hi accettat l-eredita' ta' missierha[1].

Minkejja li l-kawza ilha pendenti iktar minn tlettax-il sena, hadd mill-partijiet ma hass il-htiega li f'xi stadju jipprezenta kopja tat-testmenti. Madankollu jidher li l-m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti fuq imsemmija. Ladarba l-partijiet qeghdin jaqblu li l-konvenuta hi l-werrieta universali ta' Mose Camilleri, m'huwiex il-kaz li kellha ssir prova ta' rinunzja ta' eredita' sabiex l-atturi jkunu jistghu jitolbu l-legittima (illum maghrufa bhala porzjon rizervata). Inoltre, min-nota ta' sottomissjonjiet prezentata mill-konvenuti hu evidenti li l-kontestazzjoni hi fuq:-

(a) Kumpens li l-konvenuta qeghda tippretendi ghal ghajnuna li tat lil missierha, fis-sens li tippretendi li l-qorti ghandha tnaqqas l-ammont li jigi ffissat mill-attiv tal-eredita' ghal finijiet ta' kalkolu ta' legittima.
(b) Il-konsistenza u valuri ta' assi in kwantu l-konvenuta ma taqbilx ma' l-istima li ghamel il-perit tekniku;
(c) Kakolu ta' legittima.

[1] Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2008 ikkontestat li bhala werrieta ta' missierha ma tistax tippretendi hlas ghal servigi.

2. Il-konvenuta qeghda tippretendi li tinghata kumpens ghal servigi li tghid li tat lil missierha. Min-naha tal-atturi jsostnu li gialadarba l-konvenuta hi l-werrieta universali ta' missierha, m'ghandix jedd titlob hlas fil-konfront taghha stess. Waqt is-seduta li saret quddiem il-perit legali fit-23 ta' Marzu 2000, id-difensur ta' l-attrici spjega: *".......li f'dan il-kaz huwa (recte, hemm) il-konfuzjoni, fis-sens legali li fil-persuna tal-konvenuta tal-persuna tal-allegata kreditrici u tal-persuna allegatament moqdija u ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jidhol fi kwistjoni tal-quantum tal-kumpens ghal tali servigi."*[2]. M'hemmx dubju li l-konvenuta ma kenitx korretta meta qalet li kien biss fl-istadju finali tal-procediment li tqajment din il-kwistjoni ghall-ewwel darba. F'kull kaz, l-argument hu ta' natura legali u l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-atturi ghandhom jigu mcahhda mid-dritt li jressqu t-tezi taghhom.

Il-ligi tiddistingwi bejn zewg metodi ta' accettazzjoni ta' eredita', accettazzjoni minghajr kundizzjoni jew bil-beneficcju ta' l-inventarju. Fl-ewwel kaz hemm konfuzjoni bejn il-patrimonju tal-mejjet u dak tal-werriet, fis-sens li jsiru patrimonju wiehed. Il-werriet jissuccedi kemm fl-attiv u kif ukoll fil-passiv. Fl-accettazzjoni bil-beneficcju tal-inventarju, m'hemmx din il-konfuzjoni fil-patrimonju.

Skond l-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili, wiehed mill-modi kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet hi *"bil-konfuzjoni"* cjoe' *"meta l-kwalita' ta' kreditur u ta' debitur jinghaqdu fl-istess persuna, tigri ipso jure konfuzjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu."* (Artikolu 1205). Dan ovvjament ghaliex ma jkunx jaghmel sens li kreditur ihallas lilu nnifsu, u ghalhekk il-pretenzjoni ta' suggett fil-konfront tieghu nnifsu hi essenzjalment inkompatibbli ma' l-ideja guridika ta' obbligazzjoni; *"La confusione puo' verificarsi in seguito ad atti tra vivi (per es, nella cessione di un'azienda verso la quale il cessionario aveva delle partite di debito),* ***oppure nella successione ereditaria***[3] ***– ed e' il caso piu'***

[2] Fol. 164.

[3] *"Ed eccoci alla confusione. La quale puo' verificarsi allorquando o* ***per successione****, o per donazione, o per cessione* ***si riunisca nella persona di un debitore in solido la***

***frequente – per tutti i rapporti in cui l'erede fosse debitore o creditore del defunto. Se gli eredi sono piu' d'uno, il debitore coerede e' liberato soltanto fino alla concorrenza della sua quota ereditaria sul credito che era del defunto.*** *"* (*Istituzioni di Diritto Civile*, A. Trabucchi[4]). Peress li skond l-Artikolu 849 tal-Kodici Civili l-accettazzjoni ta' wirt ghandha effett retroattiv, din il-konfuzjoni ssehh b'effett minn dak iz-zmien. Wiehed forsi jista' jistaqsi kemm f'kaz ta' accettazzjoni ta' wirt bil-beneficcju ta' inventarju l-krediti u d-drittijiet li ghandu l-werriet beneficjarju kontra d-decujus, jintemmu bil-konfuzjoni[5]. Pero' f'dan il-kaz il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li accettat il-wirt ta' missierha bil-beneficcju ta' l-inventarju.

Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-argument tal-atturi hu validu, in kwantu *"....l'effetto estintivo della confusione e' fondato sul venir meno della struttura del rapporto obbligatorio, quale relazione intercorrente tra un debitore e un creditore;* ***la struttura del rapporto obbligatorio viene meno a seguito di una vicenda successoria che riunisce le posizioni di debito e di credito.*** *"* (*Diritto Civile - l'obbligazione*, Massimo Bianca[6]). Gialadabra l-konvenuta hi l-unika werrieta ta' missierha u accettat il-wirt minghajr kundizzjoni, ifisser li bil-konfuzjoni spiccat kwalsiasi obbligazzjoni li seta' kellu missierha sabiex ihallasha ghall-ghajnuna li setghet tatu[7]. Ghalhekk il-

---

***qualita' di creditore.*** *"* (*Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano*, Giorgio Giorgi, Vol. I pagna 192).

[4] Cedam, Edizzjoni numru 43 (2007), pagna 672.

[5] F'dan il-kuntest l-awtur F. Laurent spjega li: *"La confusione che si opera quando il creditore diviene erede del debitore, o il debitore erede del creditore, suppone che l'erede accetto' puramente e semplicemente la successione. Se accetta con beneficio dell'inventario, non si opera alcuna confusione, piche dice Pothier, uno degli effettidel beneficio d'inventario, e' che l'erede beneficato e la successione si considerano come due persone diverse, e che i loro diritti non si confondano."* (*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile*, Vol. XVIII, §491 pagna 466).

[6] Giuffre' Editore (1993) pagna 522.

[7] *"La riunione delle persone del defunto e dell'erede produce naturalmente la confusione dei diritti che in tale stato di cose non possono piu' esistere insieme…. Del pari, niuno potendo dovere a se medesimo, l'acquisto della eredita' ha per effetto di estinguere per confusione I diritti di credito che il defunto verso l'erede, o questi verso il defunto aveva."* (*Codice Civile Italiano Commentato*, Avv. Emidio Pacifi Mazzoni (Trattato delle Successioni Parte Seconda, Vol. V) §99 pagna 166). Fl-istess volum l-istess awtur jikkonferma li *"L'accettazione pura e semplice della eredita' puo' essere causa di gravissimi danni per l'erede; imperocche' per effetto della confusione del patrimonio suo con quello del defunto da una parte, perde tutti I diritti che a lui appartenevano contro di*

konvenuta m'hijiex gustifikata li tippretendi li ghandha dritt ghall-hlas ta' kumpens li jikkostitwixxi dejn tal-wirt li ghandu jitnaqqas mill-attiv ghall-ghanijiet ta' kalkolu ta' legittima.

Inoltre, u f'kull kaz fil-meritu l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenuta ressqet provi sodisfacenti li ghandha xi jedd ghall-kumpens. Skond il-konvenuta, Mose Camilleri miet *"f'daqqa, b'atakk tal-qalb u hu kollox kien ghadu jiflah jaghmel."* (fol. 165). Irrizulta wkoll li Mose Camilleri kien romol meta l-konvenuta kien ghad ghandha 4 snin, u r-responsabbilta' kollha ta' trobbija taghha waqghet fuq spallejh. Ghalkemm il-konvenuta qalet li ta' 18 il-sena kien waqa' x-xoghol kollu fuqha, il-qorti m'hijiex konvinta minn dan. Il-fatt li kien wasal zmien li l-konvenuta bdiet taghti daqqa t'id lil missierha ghaliex kien qieghed jikber fl-eta', ma jfissirx li jiskatta xi jedd li l-konvenuta tircievi xi kumpens. Wara dak kollu li missierha ghamel mal-konvenuta, il-fatt li kienet tlestilu xi haga ta' l-ikel u taghtih daqqa ta' id fid-dar kien l-inqas haga li setghet taghmel. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li missier il-kontendenti halla lill-konvenuta bhala werrieta unika.

3. Fir-rigward ta' l-assi immobiljari, jidher li m'hemmx kontestazzjoni li jikkonsistu:-

(a) 10, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex – formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti – **stima ta' €372,699.74** (fol. 108).

(b) 73, Triq il-Kappillan, Nadur, Ghawdex – proprjeta parafernali tal-missier – **stima ta' €58,234.33** (fol. 109);

(c) Qabar fic-cimiterju tal-parrocca tan-Nadur, Ghawdex – proprjeta parafernali tal-missier – **stima ta' €13,044.49**;

---

*questo, e dall'altra, rimane obbligato anche sui propri beni, per tutti I debiti e pesi dell'eredita'."* (§64 pagna 116-117).

Mir-rapport imhejji mill-perit tekniku, irrizulta li l-fond 10, Triq Tas-Sajd, Nadur, Ghawdex m'huwiex kommodament divizibbli (fol. 108). Opinjoni li ma giet kontestata minn l-ebda parti. Ghalkemm il-konvenuta tikkontesta l-istima li ghamel il-perit tekniku ghaliex issostni li ma tirriflettix il-valur reali tal-proprjeta' u *"....l-ammonti moghtija huma verament gonfjati u bl-ebda mod ma jirriflettu l-valur reali taghhom."* (fol. 221), ma tressqet l-ebda prova sabiex tikkontrobbatti dak li rrelata l-perit tekniku. Ghalkemm hu minnu li qorti tista' tiskarta l-opinjoni ta' perit gudizzjarju, f'materja teknika m'ghandux ikun li l-qorti facilment tiskarta tali fehma. Sabiex qorti tiskarta opinjoni teknika ghandu jkun hemm raguni valida li tirrizulta mill-atti. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tikkontempla l-possibilita' li parti titlob in-nomina ta' periti addizzjonali. Il-qorti ma tistax minn jeddha tirrevedi l-istima tal-perit tekniku semplicimenti ghaliex parti tkun tal-fehma li hi eccessiva. Il-konvenuta kellha dritt u kull opportunita' li titlob in-nomina ta' periti addizzjonali. Madankollu ma talbitx. Ghalkemm hu minnu li ghamlet domandi in eskussjoni lill-perit tekniku, it-twegibiet li nghataw ma jnisslu l-ebda dubju dwar l-istima moghtija mill-istess perit.

4. Ghal dik li hi legittima, din il-qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tghid li l-valur tal-proprjeta' hu taz-zmien l-iktar qrib tad-decizjoni (ara f'dan is-sens provvediment moghti fil-kawza **Joseph Portelli proprio et nomine et vs Rita Portelli** tas-26 ta' Settembru 2007[8]). Dan il-kaz hu regolat mil-ligi qabel dahlu fis-sehh l-emendi bl-Att XVIII tal-2004, u l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tvarja l-konsiderazzjonjiet li diga' ghamlet fil-kawza fuq imsemmija.

Il-legittima li tispetta lill-atturi mill-wirt ta' missierhom hi ta' parti minn disgha (1/9) kull wiehed minn kemm jiswa l-wirt.

[8] Ara wkoll sentenza moghtija fil-kawza **L-Avukat Christopher Said nomine vs Mary Abela proprio et** nomine deciza fid-29 ta' Frar 2008 mill-istess qorti.

5. Sfortunatament, kif jigri hafna drabi f'dawn il-kazijiet fir-rigward tal-mobbli l-provi li jitressqu ma jkunu xejn cari. F'dan il-kaz, mid-denunzji (li saru mill-konvenuta) jirrizulta s-segwenti:-

(a) **Giovanna Camilleri** (fol. 34) kellha –

- Lm500 British Savings Bond b'6% Reg 904346;
- Lm500 National Dev Bonds b'5 1/2% Reg 902284;
- Nofs vettura tal-markat Prefect Numru 13050.
- Lm25 li kienet tinsab fid-dar.
- Nofs l-ghamara (ghalkemm jinghad li hemm lista annessa, ma tinsabx fl-atti tal-kawza).

(b) **Mose Camilleri** (fol. 41) kellu -

- MMB Fixed Deposit – L254061 Lm1610[9].
- National Savings Bank Account 129435331 Lm2720.
- Tlett karrozzi u Lambretta.
- Zewgt isnieter.
- Ghamara
- Flus fid-dar Lm100.

L-atturi qeghdin jippretendu wkoll li ghandhom jizdiedu l-oggetti kollha elenkati fir-riferta tal-mandat ta' deskrizzjoni numru: 615/95 fl-ismijiet **Francesca Rapa nomine vs Mary Bajada** (esegwit fl-20 ta' Settembru 1995) [fol. 9][10], senter iehor, u 115,000 dollaru fir-Royal Bank of Canada. L-atturi ma gabu l-ebda prova konkreta li fil-wirt ta' missierhom kien hemm senter iehor u l-imsemmija somma. Min-naha taghha l-konvenuta qeghda tikkontesta din il-verzjoni, u ssostni li l-oggetti kollha elenkati fir-riferta huma proprjeta' personali taghha[11]. F'dan ir-rigward il-qorti ma tistax tonqos milli tirrileva kif:-

[9] Fin-nota prezentata mill-attrici fit-13/10/2004 li fiha elenkat l-assi ereditarji (fol. 181), l-investimenti u flus fid-dar tal-missier ma gewx inkluzi.
[10] Ara nota a fol. 181.
[11] Ara affidavit a fol. 189.

i. Il-konvenuta xehedet li l-oggetti li huma proprjeta' taghha jinkludu: *"I can start with the easiest of things like the items that are in my name at the time this document was made. Like the Pontiac Trans Am, the Ford Prefect and the Suzuki Alto, and the Lambretta. And also the two firearms...."*. Pero' dawn l-oggetti gew dikjarati minnha fid-denunzja ta' missier il-kontendenti. In-nuqqas ta' spjegazzjoni u dettalji dwar x'kienu **"tlett karrozzi"** fid-denunzja ta' Mose Camilleri, iwasslu lill-qorti biex temmen li fuq bazi ta' probabilita' dawn il-vetturi kienu fir-realta' proprjeta' tad-decujus. Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dokumentarja li personalment xtrat dawn il-vetturi; prova li facilment setghet saret. Sahansitra, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2005 (fol. 175) id-difensur tal-konvenuta ddikjarat li fir-rigward tal-vetturi ***"....il-Ford Prefect biss hija komunjoni tal-akkwisti; l-ohrajn inxtraw wara li mietet l-omm."***. Inoltre, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2001 (fol. 166), il-konvenuta xehedet li missierha kellu tlett karrozzi. Ghalhekk il-karrozzi fuq imsemmija ghandhom jitqiesu ghal finijiet ta' likwidazzjoni tal-legittima li tispetta lill-konvenuti.

ii. Fir-riferta tal-mandat ta' deskrizzjoni tissemma ghamara. Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2006 (fol. 178) id-difensur tal-konvenuta ddikjarat li *"...ghajr l-ghamara, l-oggetti l-ohra huma kollha proprjeta' ta' Mary Bajada."*. Inoltre, fid-denunzja ta' missierha l-konvenuta kienet diga' ddikjarat li hemm l-ghamara.

iii. Fir-riferta tal-mandat ta' deskrizzjoni ma saret l-ebda annotazzjoni mill-marixxal tal-qorti li l-konvenuta (li kienet prezenti meta gie ezegwit il-mandat) iddikjarat li l-oggetti li kienu jinsabu fil-fond kienu personalment taghha (fis-sens li ma kienux jifformaw parti mill-eredita).

Min-naha l-ohra l-atturi ma ressqux provi konkreti li fid-data tal-mewt ta' missierhom kien hemm xi investiment mal-bank Royal Bank of Canada u li d-decujus kellu tlett snieter u mhux tnejn.

6. Il-qorti tqies li hu rilevanti wkoll li tirrileva s-segwenti:-

a. Ghalkemm ma saritx talba sabiex isir bejgh bl-irkant, meta l-oggetti m'humiex kommodament divizibbli din it-talba ghandha titqies bhala kompriza fit-talbiet l-ohra tal-atturi[12]. Dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghal fatt li l-ligi stess fl-Artikolu 515 tal-Kodici Civili tippovdi ghall-bejgh b'licitazzjoni ta' beni li ma jistghux jigu maqsuma minghajr xkiel u bla hsara.

b. B'riferenza ghall-legittima, ikun iktar floku jekk is-sehem li jispetta lill-atturi jinghata fi flus fir-rigward tal-immobbli li jissemmew f'paragrafu 3(b) u (c) ta' din is-sentenza. Dan peress li sehemhom hu biss ta' 1/9 (kull wiehed). Jekk il-qorti kellha tassenja dan is-sehem mill-immobbli, ikun ifisser li ser isiru iktar spejjez u tinholoq iktar ncertezza minhabba li l-proprjeta' jkollha tinbiegh bl-irkant ghaliex ma tibqax kommodament divizibbli. Min-naha l-ohra l-qorti ser tassenja sehem ta' 1/9 lil kull wiehed mill-atturi tal-mobbli Ford Prefect, Suzuki Alto, Ford Pontiac, Lambretta u zewgt isnieter, in kwantu ma saret l-ebda stima taghhom u m'hijiex tal-fehma li fir-rigward ta' dawn l-oggetti ghandha tipprocedi *arbitrio boni viri* minghajr ma kellha l-opportunita' tarahom.

c. Ghalkemm fid-denunzja Mose Camilleri l-konvenuta iddikjarat li l-ghamara ghandha valur ta' Lm200 (fol. 42), il-qorti tqies li dan l-ammont hu konservattiv u sar biss ghal skopijiet ta' taxxa tal-mewt.

**Ghaldaqstant**, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni u tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta (fol. 20), u:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba in kwantu m'ghadx hemm skop ghan-nomina ta' amministratur skond l-Artikolu 494 tal-Kodici Civili, in

---

[12] *"La domanda per la divisione inchiude virtualmente quella relativa alla licitazione."* (**Farrugia vs Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1900 – Vol. XVII.ii.182).

kwantu ma jirrizultax li issa hemm xi skop li jinhatar amministratur.

2. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-konjugi Camilleri bhala li tikkonsisti fil-fond numru 10, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex, l-ghamara elenkata fir-riferta tal-mandat ta’ deskrizzjoni  a fol. 9 u l-vettura Ford Prefect.

3. Tiddikjara li l-kontendenti, u cjoe’ l-atturi Francesca Rapa u Aronne Camilleri u l-konvenuta Mary Bajada huma ntitolati ghal terz (1/3) kull wiehed mill-eredita’ ta’ ommhom Giovanna Camilleri li mietet fl-4 ta’ Mejju 1969, filwaqt li l-konvenuta hi l-werrieta universali ta’ missierha Mose’ Camilleri li miet fl-20 ta’ Marzu 1992 u l-atturi bhala legittimarji ghandhom jedd ghal sehem mill-beni ta’ missierhom ta’ parti minn disgha (1/9) kull wiehed.

4. Tiddikjara li l-assi partikolari ta’ Giovanna Camilleri huma nofs l-ghamara li hi elenkata fir-riferta tal-mandat ta’ deskrizzjoni (fol. 9-15), nofs il-vettura Ford Prefect, l-investiment ta’ flus li jissemmw fid-denunzja taghha (fol. 35), nofs il-fond 10, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex.

5. Tiddikjara li l-assi partikolari ta’ Mose’ Camilleri huma nofs l-ghamara li hi elenkata fir-riferta tal-mandat ta’ deskrizzjoni (fol. 9-15), nofs il-vettura Ford Prefect, nofs il-fond 10, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex, zewg snieter, vetturi Suzuki Alto u Pontiac Transam, u lambretta, u l-immobbli 73, Triq il-Kappillan, Nadur, Ghawdex u qabar fic-cimiterju tal-parrocca tan-Nadur, Ghawdex

6. Tordna li:-

(a) Il-fond 10, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex ghandu jinbiegh bl-irkant peress li m’huwiex kommodament divizibbli, u dan fuq il-bazi ta’ l-istima li hejja l-perit tekniku Gordon Vella. Il-prezz ghandu jinqasam b’dan il-mod:-

i. Nofs jinqasam f’sehem ugwali bejn il-kontendenti (1/3 kull wiehed).
ii. Nofs l-iehor jinqasam parti minn disgha (1/9) lil kull wiehed mill-atturi u l-kumplament lill-konvenuta.

L-istess ghandu jsir fir-rigward tal-vettura Ford Prefect.

(b) L-investiment ta' flus mill-wirt ta' l-omm li jissemmew fid-denunzja a fol. 35, ghandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

(c) Tassenja lill-atturi sehem ta' parti minn disgha (1/9) parti minn dawn il-mobbli:- Suzuki Alto, Ford Pontiac, Lambretta u zewgt isnieter li ghandhom jigu stmati minn Vincent Ciliberti. Dawn il-beni ghandhom jinbieghu bl-irkant u r-rikavat jinqasam in kwantu ghal parti minn disgha (1/9) lil kull wiehed mill-atturi u l-kumplament lill-konvenuta. Il-qorti ordnat hekk in kwantu ma saritx stima ta' dawn il-mobbli u m'hijiex tal-fehma li fir-rigward ta' dawn il-mobbli ghandha tipprocedi billi tiffissa valur *arbitrio boni viri*.

(d) Tassenja l-mobbli kollha elenkati fir-riferta a fol. 9-14[13] lill-konvenuta mehud in konsiderazzjoni li s-sehem taghha hu ikbar u m'hemmx lok li jsiru iktar spejjez u lanqas mhu prattiku li dawk l-oggetti jinbieghu bl-irkant. Madankollu *arbitrio boni viri* tikkundanna lill-konvenuta sabiex ghal darba wahda biss thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500) ta' sehemhom (cjoe' min-naha tal-wirt ta' omm u legittima mill-wirt ta' missierhom).

(e) Tikundanna lill-konvenuta sabiex ghal darba waha biss thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta' sebat elf disgha mija u dstax-il euro u sebgha u tmenin centezmu (€7,919.87), bhala sehemhom tal-legittima mill-immobbli li kienu proprjeta' personali ta' Mose Camilleri. Dan in kwantu tqies li m'huwiex floku li tassenja s-sehem in natura peress li jkun ifisser li l-beni jkollhom jinbieghu b'licitazzjoni.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien (8) talba in kwantu m'hemmx skop ghall-pubblikazzjoni ta' att ta' divizjoni.

---

[13] Mhux inkluzi dawk li diga' ssemmew fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Spejjez tas-seduti peritali tal-14 ta’ Ottubru 1999 (fol. 162), 4 ta’ Frar 2005 (fol. 172) a karigu ta’ l-atturi, filwaqt li spejjez tas-seduti peritali tat-2 ta’ Marzu 2000, 6 ta’ Novembru 2001, u tal-14 ta’ Dicembru 2006 a karigu tal-konvenuta. Spejjez tat-tieni u tielet eccezzjoni a karigu tal-konvenuta. Il-kumplament ta’ l-ispejjez jinqasmu terz (1/3) kull wiehed salv ghall-ispejjez relatati mas-seba’ (7) talba li jibqghu a karigu tal-konvenuta u dawk relatati mat-tmien (8) talba jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------